AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL
17,Triq Edgar Ferro, Pietà MSD07 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • Website: www.ohsa.org.mt

OCCUPATIONAL HEALTH & SAFETY AUTHORITY
17, Edgar Ferro Street, Pietà MSD07 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • Website: www.ohsa.org.mt

# Stqarrija għall-Media

# Gwida għal Xogħol fix-Xemx u fis-Sħana

07.05.2015

Issa li t-temp beda jinbidel u bdiet xi ftit jew wisq is-sħana, l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) ħasset il-ħtieġa li tfakkar dwar dawk il-miżuri li għandhom jittieħdu meta wieħed jagħmel xogħol fix-xemx u fis-sħana.

"Xogħol fix-xemx, speċjalment jekk ikun għal żmien twil jista' jħalli effetti negattivi minħabba s-sħana jew ir-raġġi tax-xemx. Din il-gwida qasira tista' tkun ta' siwi kemm għall-ħaddiema kif ukoll għal dawk li jħaddmu jew jaħdmu għal rashom peress li fiha informazzjoni dwar ir-riskji mix-xemx u kif wieħed jista' jevitahom jew inaqqashom," qal Dr Mark Gauci, il-Kap Ewlieni Eżekuttiv tal-OHSA.

Il-gwida titkellem dwar l-effetti tas-sħana u x-xemx fuq min ikun qed jaħdem u x'perikli jistgħu jikkaġunaw għas-saħħa u s-sigurtà. Wieħed jista' wkoll isib informazzjoni dwar *heat stress,* ir-raġġi UVA u UVB u l-indiċi tal-UV.

Apparti minn lista ta' ħaddiema li jistgħu jkunu f'periklu, il-gwida toffri informazzjoni kemm lill-ħaddiema, kemm lil min iħaddem u lil min jaħdem għal rasu dwar x'miżuri jistgħu jittieħdu sabiex jiġi eliminat il-periklu u jitnaqqsu r-riskji.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jikkuntattja lill-OHSA fuq tel. 21247677, jibgħat email fuq ohsa@gov.mt jew iżur il-websajt ta' l-OHSA li hija: www.ohsa.org.mt